# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 6 ta' Novembru, 2001.

560/01

Il-Pulizija,
(Spettur Neville Xuereb)
vs
Ahmed El Hadar El Madhon.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra:

Ahmed El Hadar El Madhon ta' nazzjonalita` Libjana iben El Hadar imwieled S. Khamis fl1974 u fil-pussess ta' passaport numru H 038026,

Akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur minghajr ma nghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

Akkuzat ukoll talli f'dawn l-ahhar xhur iffalsifika u ghamel uzu minn sigilli, timbri jew marki ohra li qieghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' proprjeta` pubblika jew li jkunu qieghdin taht il-kustodja pubblika u dan bi ksur ta' l-Artikolu 172, (1) u (2) u 176 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex minbarra l-piena stabbilita mill-Ligi tiddikjara lill-imsemmija persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog Ordni ta' Tnehhija kontra tieghu skond l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Ikkunsidrat:

Wara li semghet l-ammessjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat;

Wara li rat l-Artikoli 5, 14 u 23 tal-Kapitolu 217;

Issibu hati u tikkundannah:

Sena prigunerija liema prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul sena mil-lum ma jikkommettix reat iehor li ghalieh hemm il-piena ta' prigunerija u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna hrug ta' Ordni ta' Tnehhija minn dawn il-Gzejjer kontra l-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

A.M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.